L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI**

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. L-istipendju mhux biżżejjed?
2. X'jista' jsir iżjed biex intaffu l-problema tat-traffiku?
3. Barra minn Malta ssib ħafna ħwienet tal-kotba użati: Malta hawn lok għalihom?
4. Ħbiberija li bdiet ħażin.
5. Ħafna żgħażagħ huma konxji mill-ħtieġa li jieħdu ħsieb saħħithom.
6. Is-safar għall-istudju, ix-xogħol u l-iżvog.

**(Total: 30 marka)**

**TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Ġorġ Doublesin jgħid li l-kelma tista' tibdel ir-referenza tagħha mal-mogħdija taż-żmien. Iddiskuti l-kawżi storiċi, lingwistiċi, soċjali u psikoloġiċi tal-bidla semantika.

2. Fid-dawl tal-istudju ta' George Farrugia dwar l-iżvilupp tal-ilsien Malti, uri r-rikkezza tal-Malti billi tirreferi għall-mekkaniżmi li jaħdmu bl-għeruq u z-zkuk. L-eżempji jridu jinkludu kliem ta' nisel Għarbi, Taljan u Ingliż.

3. "Filwaqt li fil-Malti l-qofol tat-tiswir morfoloġiku huwa bażikament imsejjes fuq l-għeruq Semitiċi u z-zkuk morfemiċi Rumanzi u Ingliżi, ma jonqsux ukoll proċessi oħra ta' formazzjoni u tiswir." Iddiskuti din l-istqarrija ta' Tarcisio Zarb fid-dawl tal-morfoloġija Maltija.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Il-poeżija Maltija tistħarreġ ir-relazzjonijiet li jinħolqu fi ħdan il-familja u 'l barra minnha. B'liema ton u b'liema lingwaġġ figurattiv il-poeti jitkellmu dwar dawn ir-relazzjonijiet?

2. X'inhuma l-elementi simili u differenti fil-modi kif il-poeti Romantiċi u Moderni jagħżlu li jirrakkontaw il-vjaġġ tal-ġens Malti?

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jirreferi għal kotba li ma jwasslu "għal imkien għajr f'beraħ bla qies, li jnikket il-qalb, li jisraq serħan ir-ras, li jaqleb il-moħħ, li jmarrar, li jxejjaħ u bosta drabi jasal saħansitra biex jeqred qabel il-waqt ħajjet il-bniedem."

2. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, Dwardu u Leli "kienu jiftiehmu daqs żewġ aħwa". Kif tinterpreta r-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ karattri fil-kuntest tal-preokkupazzjonijiet ewlenin li jiddiskuti r-rumanz?

3. Fid-dramm *Menz*, Francis Ebejer "jissuġġerixxi u ma jikkonkludix." Minħabba f'hekk, "it-tmiem għandu għeluq simboliku u suġġestiv mill-isbaħ." Taqbel ma' din l-interpretazzjoni ta' Oliver Friggieri?

4. Fil-ħsieb taċ-ċittadini konformisti, bħall-kennies, tal-lukanda, tat-taxi, il-bejjiegħ, u l-pulizija, il-belt mhix ħlief utopija. Skont Oliver Friggieri, l-interess ewlieni ta' dawn il-karattri sekondarji "huwa fil-ħwejjeġ żgħar li jġegħluk taħseb li l-ħwejjeġ kbar huma f'posthom ukoll." Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**